TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

Avviz Numru CCT 171/13/GB

**Louise Mansueto**

**vs**

**Centro Casalinga**

Illum 15 ta' Jannar 2014

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fis-26 ta' Lulju, 2013 fejn ir-rikorrenti talbet rifuzjoni ta' tliet mija disgha u sebghin Ewro (€379.00), rapprezentanti l-prezz li hija hallset ghal magna tal-hasil li nxtrat minghand is-socjeta' ntimata, liema magna tal-hasil kienet difettuza.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Hija kienet xtrat magna tal-hasil minghand is-socjeta' ntimata, pero' meta haslet biha, bdiet taghmel hafna tnietex mal-hwejjeg u anke tqatta l-hwejjeg. Ghalhekk, ir-rikorrenti ċemplet lis-socjeta' ntimata, fejn intbaghat tekniku. It-tekniku qal illi qatt ma kellu kaz hekk u ried jitkellem ma' l-ohrajn. Meta r-rikorrenti rat illi t-tekniku ma cempilx, ċemplet hija stess fejn ġiet informata illi kienu ser imorru ghaliha u anke tawha magna tal-hasil ohra bhala replacement. Meta l-magna tal-hasil inhadet lura ghand ir-rikorrenti, wara li t-tekniku nforma lir-rikorrenti illi kien sab biċċa hadida li kien nehha, din kienet baqghet l-istess, u cioe' difettuża kif kienet qabel.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Kemm meta mar it-tekniku id-dar, kif ukoll kemm damet il-workshop, il-magna tal-hasil qatt ma qattat hwejjeg, u kull parti ġiet eżaminata minn tlett persuni differenti, jiġifieri l-magna hija perfetta.

Il-bicca hadida li semmiet ir-rikorrenti hija biċċa hadida zghira li s-socjeta' ntimata sabet fid-drum taghqad ma' l-ilma. Din m'hijiex parti mill-magna tal-hasil, iżda wisq probabbli ġiet mitfuha mal-hwejjeg bi żball. Madanakollu, il-magna tal-hasil qieghda tahdem tajjeb mija fil-mija.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub, fejn żiedet tistqarr illi l-hadida li kienet semmiet is-socjeta' ntimata qatt ma ġiet murija lilha.

Ir-rikorrenti ezebiet kopja tar-ricevuta, li ġiet immarkata bhala Dok.LM1.

Ir-rikorrenti ezebiet hwejjeg li kienu mqatta'u mimlija tnietex, *animo ritirandi* waqt is-seduta.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata fix-xhieda guramentata taghha kkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

It-Tribunal innomina lil Vincent E. Ciliberti bhala espert tekniku sabiex jirrelata dwar l-ilment tar-rikorrenti.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, u wara li ha konjizzjoni tar-relazzjoni ta' l-espert tekniku, Vincent E. Ciliberti, fejn gie konkluż illi *"minghajr dubbju, l-ilment dwar it-tnietex mressaq mir-rikorrenti gie pruvat fil-hin ta' l-ispezzjoni"*, u gie konkluż ukoll illi nonostante l-fatt illi *"ma ġiex pruvat li l-makna tal-hasil kienet b'xi mod qattghet il-hwejjeg fil-hasla li ġiet ordnata fil-prezenza ta' l-esponenti"*, l-espert tekniku *"ghamel osservazzjoni li fil-parti ta' fuq fejn jittermina d-drum, id-drum ghandu xifer li mhux imxammar u mdawwar kif inhi l-prassi fi drums ta' makni tal-hasil ohra."*, it-Tribunal qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jordna lis-socjeta' ntimata tiehu lura l-magna tal-hasil in kwistjoni u thallas l-ammont ta' tliet mija disgha u sebghin Ewro (€379.00) lir-rikorrenti, bl-ispejjez tal-kawza kontra s-socjeta' ntimata.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**